MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 894/2008

**Mary Diana Muscat**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta’ l-attrici ppreżentat fl-4 ta’ Settembru, 2008 li permezz tiegħu esponiet bir-rispett:

1. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-attriċi li jġib in-numru ta’ iskrizzjoni wieħed, sitta, sitta, tnejn, żbarra, wieħed, disgħa, erbgħa, sebgħa (1662/1947), hawn anness u mmarkat ‘Dok. A’ jeżisti żball fil-kolonna intestata *“isem il-wild”*, fis-sens illi l-isem Mary Diana kellu jiġi ndikat bħala *“Diana”*.

2. Illi sa mit-twelid tagħha, l-attriċi dejjem u konsistentement kienet magħrufa minn kulħadd, inklużi l-familjari u l-ħbieb tagħha bħala Diana, u mhux Mary Diana u dan kif se jiġi pruvat fil-kors tal-kawża.

3. Illi l-isem kif erronjament indikat huwa ta' preġudizzju kbir għall-istess attriċi, apparti l-inkonvenjent kbir illi joħolqilha.

Jgħid għalhekk il-konvenut għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m' għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi isem l-attriċi huwa Diana u mhux Mary Diana.

2. Tordna l-korrezzjoni opportuna fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Mary Diana Muscat bin-numru ta' iskrizzjoni wieħed, sitta, sitta, tnejn, żbarra, wieħed, disgħa, erbgħa, sebgħa (1662/1947), fis-sens illi fil-kolonna intestata *"isem il-wild"*, l-isem mogħti lill-attriċi jkun Diana u mhux Mary Diana, u li l-bdil effettiv jiġi rifless f'kull att ta' stat ċivili ieħor ta' l-istess attriċi u ta' wliedha.

3. Tordna li fiċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' l-attriċi numru: 114/1970 hawn anness u markat 'Dok. B' fil-kolonna intestata *"isem u kunjom"* jiġi kkanċellat l-isem *"Mary Diana"* u jiġi sostitwit bl-isem *"Diana"*.

4. Tordna li fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' bintha, Deborah Muscat numru: 4144/1976 hawn anness u mmarkat 'Dok. C', fil-kolonna intestata *"isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-omm"*, jigi kanċellat l-isem *"Maria Diana"* u jiġi sostitwit bl-isem *"Diana"*.

5. Tordna li fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' binha Conrad Muscat numru: 3271/1970 hawn anness u mmarkat 'Dok. D', fil-kolonna intestata *"isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-omm"*, jiġi kanċellat l-isem *"Maria Diana"* u jiġi sostitwit bl-isem *"Diana"*.

6. Tordna li fiċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' binha Conrad Muscat numru: 680/1997 hawn anness u mmarkat 'Dok. E', fil-kolonna intestata *"ġenituri tal-miżżewġin"*, jiġi kanċellat l-isem *"Maria Diana"* u jiġi sostitwit bl-isem *"Diana"*.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li hu nġunt issa għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut ppreżentata fit-3 ta' Diċembru 2008 qal bil-qima:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif dedotti fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, pero' jirrileva li jirriżulta mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1662 tas-sena 1947 li d-dikjarant kien il-missier ir-rikorrenti Carmel Cassar.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li m'għandux ibati spejjeż ta' l-istanti *stante* li d-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid kien obbligat li jivverifika li l-informazzjoni li ddikjara u ffirma għaliha hija korretta.

3. Illi mingħajr preġudizzju wkoll, jeħtieġ li r-rikorrenti tispeċifika fit-talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Atti ta' l-Istat Ċivili kollha li qed titlob li jiġu korretti, jekk dan hu l-każ, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi għandha ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu l-esponent x' jeċċepixxi għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-affdavits ta’ l-attriċi u ta’ Conrad, Deborah, Luigi Muscat, ta’ Agnes Minuti u ta’ Michela Debono;

Rat id-digriet tal-10 a’ Dicembru 2008 li permezz tiegħu ġew awtoriżżati ż-żieda ta’ erba’ talbiet oħra;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Diċembru 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni *ai termini* ta’ l-artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li tagħti dritt ta’ azzjoni biex jiġi korrett xi att ta’ l-istat ċivili ta’ persuna.

Jirriżulta li t-talbiet attriċi huma ġustifikati billi sar żball pero’ mhux imputabbli lill-konvenut illi allura ma għandux jeħel spejjeż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi;**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------